MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 367/2010

Appell Numru: 367/2010

Il-Pulizija

Vs

Ian Zahra

Illum 26 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Akkużat talli f'Mejju 2008 u fiż-żminijiet ta' wara gewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Ligi u li gew magħmula b'riżoluzzjoni waħda

(a) Approprija ruħu billi dawwa bi profit għalih jew għal persuna oħra s-somma ta' aktar minn elfejn tleit mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin centeżmu (€2,329.37.37) għad-dannu ta' Anton Busuttil Dougall, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jgib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaga jew li jsir użu minnha specifiakt, liema somma giet fdata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tiegħu;

(b) B'hekk huwa ksier il-kundizzjoni li biha kien illiberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena u dan b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-1 ta' Lulju 2008 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Lulju, 2010 fejn wara li rat l-artikolil-artikoli 17(b), 293, 294, 18, 31, 310(1)(a) u 533 tal-Kap 9 u l-artikolu 23 tal-Kap 446 sabet lill-imputat ħati taż-żewg imputazzjonijiet dedotti kontrih u ikkundannat lill-appellant għal 18-il xahar prigunerija wara li ħadet in konsiderazzjoni l-artikolu 17(b) tal-Kap 9 u l-piena għas-sentenza precedenti ta' conditional discharge.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta' Awissu, 2010, fejn talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella is-sentenza appellata u konsegwentement:

1. Tillibera lill-appellant Ian Zahra minn kull htija u imputazzjoni u dana stante li l-appellant ibati minn marda metali li waqt il-kummissjoni tar-reat u f'kull zmien il-quddiem tirrendih inkapaci milli jiddistingwi bejn it-tajjeb jew il-hazin u/jew tirrendih inkapaci li jirrifletti ai termini tal-Art. 33 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana okkorrendo billi tisma` x-xhieda ta' Dott. D. Cassar M.D., it-tabib psikjatra kuranti tal-appellant; u

2. minghajr pregudizzju ghal-ewwel talba, tillibera lill-imputat appellant minn kull htija u imputazzjoni minhabba nuqqas ta' provi u cioe` minhabba l-fatt li

l-prosekuzjoni ma irnexxiliex tivvinkola l-appellant Ivan Zahra mal-kommissjoni tar-reat oltre l-grad tad-dubbju ragionevoli; jew

3. subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel u t-tieni talba, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkundanna lill-appellant Ian Zahra ghall-ewwel imputazzjoni tilliberah mit-tieni imputazzjoni, u cioe li kiser kundizzjoni tal-liberazzjoni kondizzjonali imposta fuqu permezz tas-sentenza tal-1 ta' Lulju, 2008 u konsegwentement.

4. tirriforma l-piena inflitta fuq mill-Ewwel Qorti ta' tmintax il-xahar prigunerija ghal wahda mhux karcerarnja, jew fin-nuqqas li taghmel dan, f' kull kaz tordna li l-imputat jinzamm fl-isptar Monte Carmeli ghad-durata kollha tat-terminu ta' prigunerija hekk riformata a bazi tat-tielet talba.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

1. Minghajr pregudizzju ghall-aggravji segwenti, l-imputat appellant, huwa afflitt minn marda serja tal-mohh li tirrendih inkapaci, sija f' dak il-waqt tal-allegat kummissjoni tar-reat kif ukoll f' kull zmien il-quddiem, li jiddistingwi bejn it-tajjeb u l-hazin u/jew li b' xi mod tinibih milli jirrifletti, u ghaldaqstant ghandu jitqies, bhala doli incapax, ezent minn kull responsabilita` kriminali ai termini tal-Art. 33 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fatt dan li ma kienx u ma setghax ikun, apprezzat mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghax ma kenitx edotta minnha kif ser jigi muri waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suriferit, it-tieni aggravju tal-appellant jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazing tal-fatti u tal-provi migjuba fil-konfront tal-imputat appellant Ian Zahra u dana stante li l-prosekuzjoni ma rnexxiliex tivvinkola l-imputat mal-kummissjoni u/jew il-korp tar-reat u dan oltre l-grad tad-dubju ragjonevoli kif rikjest mill-ligi, kif ser jigi muri waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell;

3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi meta erronjament sabitu hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontrih, u cioe` li kiser kundizzjoni tal-libertazzjoni kundizzjonata li nghata permezz tas-sentenza tal-1 ta' Lulju, 2008, u dana stante li l-ligi fl-Art. 23(1) tal-Kap 446 taghmilha cara li hija applikabbli ghal meta r-reati jigu kommessi waqt il-perijodu operattiv tal-liberazzjoni kundizzjonata – u mhux qabel ma jkun inbghata l-kundizzjoni. Ir-reati li gie mixli bihom l-imputat appellant gew, allegatament kommessi minnhu f'Mejju, 2008, igifieri qabel ma giet pronuncjata s-sentenza li biha inghata l-liberazzjoni kondizzjonata u imposta fuq l-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien sena. Wara kollox hu ius receptum li tempus Regis actum u ghalhekk, b' applikazzjoni tan-non-retroattivita tal-ligi kriminali, il-Qorti ma setghet qatt tikkunsidra dozagg fl-erogazzjoni ta' piena li hi marbuta ma reat li jipprecedi z-zmien fejn l-imputat kien soggett ghall-liberazzjoni kundizzjonata.

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ewwel Qorti applikat piena wisq harxa konsiderat it-tipologija ta' reat kommess, il-modalita` ta' kif gie kompletat ir-reat u l-ammont ta' flus appropjata indebitament.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi bejn l-erbatax (14) ta' April u t-tnax (12) ta' Gunju tal-elfejn u tmienja (2008) l-appellant kien impjegat bhala restaurant manager fil-fond Nero Restaurant, Triq Santu Wistin, San Giljan, proprjetà ta' Anton B. Dougall. Wara ftit taz-zmien illi l-appellant kien f'dan l-impjieg Peter Scicluna li kien jahdem ma' Dougall ghal dsatax-il sena gibed l-attenzjoni tal-appellant illi beda jsib flus nieqsa u rrizulta illi z-Z readings mill-cash register ma kienx qed jaqbel mal-flus illi effettivament kien qed jigi depozitat. Is-Sur Dougall iffaccja lill-appellant b'din is-sitwazzjoni u meta talbu spjegazzjoni l-appellant ma tahx. Ghalhekk fit-tnax (12) ta' Gunju tal-elfejn u tmienja (2008) l-impjieg tieghu gie terminat u Dougall irrapporta lill-pulizija illi ipprocedew bil-kawza odjerna kontra l-appellant fejn gie addebitat misapproprjazzjoni.

B'sentenza tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju tal-elfejn u ghaxra (2010) (fol 72) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati u ikkundannatu ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija. L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi huwa kien ibaghti minn kondizzjoni mentali illi kienet taffettwa l-gudizzju tieghu u fi kwalunkwe kaz il-provi ma kellhomx iwasslu sal-htija kif iddikjarat mill-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghat illi quddiem il-Qorti tal-Magistrati ma tqajjmet l-ebda eccezzjoni dwar l-istat mentali tal-appellant u filwaqt illi jista' jkun illi dan ibaghti minn certa kondizzjoni kif spjega Dottor David Cassar, legalment din il-Qorti ma tistax tikkonsidraha peress illi d-dispost procedurali ghal tali eccezzjoni ma gewx segwiti bil-gurin kif titlob il-ligi. Ghalhekk tibqa' l-kwistjoni ta' fatt. Irrizulta illi l-appellant qieghed jargumenta illi fir-restaurant ma kienx hu biss responsabbli ghall-flus izda ukoll impjegati ohra bhal Peter Scicluna u l-istess iben ta' Anton Dougall. Din il-Qorti tista' tiskludi r-responsabiltà ta' dawn l-ahhar tnejn f'din il-kwistjoni. Jidher illi Peter Scicluna huwa persuna fdat hafna minn Anton Dougall tant illi kien ilu jahdem mieghu dsatax-il sena u kien Peter Scicluna illi effettivament gibed l-attenzjoni tal-appellant ghall-flus illi kienu qed jidhru illi naqsu. L-appellant kien f'pozizzjoni ta' fiducja u abbuza din il-fiducja meta appropriaja ghalih flus illi ma kienux destinati

ghall-konsum tieghu. L-ewwel Qorti ghamlet espozizzjoni korretta tal-ligi ghal dak li jirrigwardja approprijazzjoni bla jedd u fil-fatt l-appellant ma kkontestatx din l-espozizzjoni u illima ruhu biss ghall-kwistjonijiet ta′ responsabiltà minhabba mard mentali u l-fatti.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Dan hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.

Din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit ta′ dawn il-provi u ssib illi l-ewwel Qorti kienet ragjonevolvi fil-konkluzjoni taghha. Ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-principju regolatur hu li mhux normali illi tigi disturbata l-piena jekk jirrizulta illi din tkun fil-parametri tal-ligi. Il-piena erogata mill-ewwel Qorti qieghda fil-parametri tal-ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi din tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b′rakkomandazzjoni illi jekk l-appellant ibaghti mill-kondizzjoni mentali medika kif iddeskriva l-Psikjatra David Cassar ikun desiderabbli illi din il-piena l-appellant jiskontaha fil-forensic unit tal-Isptar Monte Carmeli.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------